ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY

Aħbarijiet

*Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.*

ECHA/NA/12/40

# Ser tkun introdotta verżjoni ġdida tal-Kaxxa tal-għodda QSAR f'workshop f'Novembru

## L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), f'kollaborazzjoni mal-OECD, tistieden lill-utenti tal-industrija għal workshop li ser jintroduċi l-verżjoni 3.0 tal-Kaxxa tal-Għodda QSAR fl-20 ta' Novembru f'Ħelsinki. Il-kumpaniji huma mitluba jesprimu l-interess tagħhom għall-parteċipazzjoni fl-avveniment sas-17 ta' Ottubru.

**Ħelsinki, it-13 ta' Settembru 2012 –** L-iskop tal-workshop hu li jippreżenta l-aħħar verżjoni tal-Kaxxa tal-Għodda QSAR tal-OECD. L-enfasi ser tkun fuq kif ir-reġistranti jistgħu jużaw il-Kaxxa tal-Għodda QSAR tal-OECD, verżjoni 3.0, biex jimlew nuqqasijiet fid-dejta dwar l-(eko)tossiċità biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-informazzjoni tagħhom. L-ECHA u l-OECD jixtiequ wkoll jiġbru feedback mill-industrija dwar l-użu tal-Kaxxa tal-Għodda biex jidentifikaw ħtiġijiet għall-implimentazzjoni ta' karatteristiċi addizzjonali fl-għodda u biex jipprovdu tip ieħor ta' sostenn.

Il-verżjoni 3.0 ser ikun fiha ħafna karatteristiċi ġodda, għaldaqstant demo lajv ser ikun parti integrali mill-avveniment.

Huwa previst massimu ta' **30 parteċipant** għal dan il-workshop u ser isir kull sforz biex ikun hemm udjenza rappreżentattiva minn setturi differenti tal-industrija.

Nitolbukom tesprimu l-interess tagħkom għall-parteċipazzjoni fil-workshop billi timlew il-formola web sa mhux aktar tard mis-**17 ta' Ottubru 2012**.

Karatteristiċi ġodda tal-Kaxxa tal-Għodda QSAR 3.0 huma:

- L-inklużjoni ta' sorsi tad-dejta addizzjonali
- Magna avvanzata tat-tiftix
- 22 skema mekkanistikament ġodda u ta' profilizzazzjoni speċifika tal-punti ta' tmiem
- Previżjoni tat-tossiċità f'taħlitiet kwantitattivi
- Previżjoni tawtomerika stabbilita
- Previżjoni li tieħu kont tal-metaboliżmu

- L-implimentazzjoni ta’ Sistemi għal Riżultati Kuntrarji (AOPs-*Adverse Outcome Pathways*) li jirrelataw għas-sensitizzazzjoni tal-ġilda, ssupplimentati minn tliet dejtabejżis ġodda li fihom dejta tal-AOP għas-sensitizzazzjoni tal-ġilda.

- Erba’ simulaturi ġodda (l-awtossidazzjoni u l-idroliżi)

- Magna ta’ rappurtaġġ ġdida maħsuba biex titratta taħlitiet, tawtomeri u metaboliti

**X’inhi l-Kaxxa tal-għodda QSAR ?**
Il-Kaxxa tal-għodda QSAR hija għodda ta’ softwer tal-OECD żviluppata biex timla nuqqasijiet fid-dejta f’dejta dwar (eko)tossiċità meħtieġa għall-valutazzjoni tal-perikli ta’ sustanzi kimiċi u għar-raggruppament f’kategoriji ta’ sustanzi kimiċi. Tista’ wkoll tintuża għall-iżvilupp ta’ strateġiji integrati tal-ittestjar. Aktar importanti, reġistranti REACH jistgħu jużaw l-Għodda QSAR biex jiġġeneraw metodu alternattiv għall-ittestjar fuq l-annimali biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-informazzjoni tagħhom.

## Aktar informazzjoni

- Paġna tal-avveniment
  https://staging-production.echa.europa.eu/view-article/-/journal_content/67f24471-8cd5-4809-9ff1-bfa9c3141bf5

- Il-Kaxxa tal-għodda QSAR
  http://www.qsartoolbox.org

- Għal mistoqsijiet speċifiċi, jekk jogħġbok ikkuntattja:
  qsar-toolbox@echa.europa.eu